Avviz Numru CCT 321/12/GB

**Josephine Xerri**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd. – Centro Casalinga**

Illum 15 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija u ghoxrin Ewro (€420.00), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal fridge, liema fridge kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-23 ta' Lulju 2012, hija xtrat fridge-freezer minghand is-socjeta' ntimata, pero' wara xi ftit granet ma bdietx tkessah u l-affarijiet ta' go fiha bdew jigu kollha ilma. Ghalhekk, hija cemplet lis-socjeta' ntimata, fejn hija baghtet tekniku. It-tekniku nforma lir-rikorrenti illi ried jiehu l-fridge biex isewwiha. Hadha ghal ftit ijiem u gab fridge ohra biex ir-rikorrenti tinqeda biha u informaha illi kien biddel it-termostat fuq il-fridge taghha. Meta t-tekniku ha l-fridge lura ghand ir-rikorrenti, il-fridge ghamlet l-ewwel ftit granet tajba u regghat kif kienet qabel it-tiswija. Ghalhekk, ir-rikorrenti regghat cemplet lis-socjeta' ntimata, fejn hija regghat baghtet tekniku. It-tekniku informa lir-rikorrenti illi ma kien qed jara xejn hazin fil-fridge. Ir-rikorrenti baqghet tinsisti illi l-fridge m'hijiex qed tkessah.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Dak kollu li kitbet ir-rikorrenti m'huwiex minnu. Is-socjeta' ntimata dahhlet il-fridge l-workshop ghaliex it-tekniku ma sab xejn hazin fiha – ma hemm ebda viti ta' l-ilma gewwa l-fridge, allura huwa kaz car li l-ilma qed jinholoq minn dak li jidhol go fiha, bhal shana ghax thalli l-bieba miftuha ghal hafna hin twil, jew frott mikxuf, jew timliha aktar milli suppost. Lanqas m'hu veru li s-socjeta' ntimata biddletilha t-termostat u hadmet tajjeb. Meta rega' ssejjah u mar it-tekniku, rega' ma sab xejn hazin fiha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok.JX1 sa Dok.JX4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal josserva illi l-kawza kienet giet iddiferita sabiex fil-frattemp is-socjeta' ntimata terga' tibghat tekniku fuq il-post sabiex jara l-fridge in kwistjoni, u jekk jirrizulta illi ghandha l-hsara, il-fridge tittiehed ghat-tiswija mis-socjeta' ntimata.

It-Tribunal josserva wkoll illi, hekk skond kif kien gie miftiehem bejn il-partijiet, it-tekniku tas-socjeta' ntimata rega' ccekja l-fridge, fejn ma sab xejn hazin, pero' meta s-socjeta' ntimata nformat lir-rikorrenti b'hekk sa anke stednitha tmur il-workshop taghha sabiex ticcekjaha hija stess qabel ma tigi kkonsenjata lilha, ir-rikorrenti rrifjutat u baqghet tinsisti illi ma rieditx il-fridge lura.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata, ansi hija marret oltre fis-servizzi taghha. Jirrizulta ampjament car illi l-fridge in kwistjoni ma kenitx wahda difettuza, u lanqas ma jirrizulta illi qatt kellha xi tip ta' hsara. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u jordna li r-rikorrenti taccetta u tiehu lura fil-pussess taghha l-fridge in kwistjoni,

liema fridge ghandha tigi kkonsenjata lilha mis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**